Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Talba Numru. 549/2005

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Trafalgar Business Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Frar 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas l-ammont ta' mija tmienja u erbghin Liri Maltin u sitta u disghin centezmi (Lm148.96), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 27565 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhar ta' Marzu 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat

kontestwalment ma’ dana l-att, dawk ta’ l-ittra ufficjali lil banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta, li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija tmienja u erbghin Liri Maltin u sitta u disghin centezmi (Lm148.96), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------